MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Numru. 94/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**VS**

**Amine Halit, ta’ 28 sena ta’ nazzjonalita Franciza bin Ali u Badia nee` Benamara, imwieled Massy (Franza)fil-5 ta’ Awissu, 1981. u li joqghod f’4, Rue Auguste Renoir, 92290 Chatenay Malabry, France, detentur tal-Passaport Franciz bin-Numru 07CP50590 mahrug fil-15 ta’ Ottubru 2007**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Amine Halit u cioe` talli fl-1 ta’ Frar 2008 u fil-granet ta’ qabel, f’dawn il-

Gzejjer kif wkoll barra minn dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda,

1. ippromwova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja ghaqda ta’ zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta’ prigunerija ghal zmien erba’ snin jew aktar;
(*Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 83A (1), u 5 tal-Kap9 tal-Ligijiet ta’ Malta)*

2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, appartjena ghal ghaqda msemmija fis-Subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(*Dan bi ksur ta’ Artikolu 148, 83A (2), u (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)*

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, f’Malta assocja ruhu ma xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f’Malta li ghalih hem mil-peina ta’ prigunerija, u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-Istampa;.
(*Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, u 48A tal-Kap9 tal-Ligijiet ta’ malta)*

Akkuzat ukoll talli fl-1 ta’ Frar, 2008, u fil-grantet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzzjoni wahda,

4. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iheor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex jqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamle qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn tleit mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37)

ghad-dannu tal-kumpnaija Bank of Valletta Limited, APS Bank Limited, u HSBC Bank plc;
(*Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentament ghamel uzu minnkull att, kitba jew skrittura falza hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(*Dab bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 184 tal-kap 9 talo-Ligijiet ta' Malta)*

6. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xejntement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.
(*Dan bi ksur ta' Artikoli 18 u 199 tal-Ligijiet a' Malta)*

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali tas-6 ta' Mejju, 2008;

Semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghar-raba' u s-sitt akkuza migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Rat illi l-Ufficjal Prosekutur ma ressaqx provi ohra fid-dawl ta' din l-ammissjoni u inoltre iddikjara li huwa kien qieghed jirtira l-ewwel tlett akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti u fid-dawl ta' l-ammissjoni mghamula mill-imputat kif jirrizulta fil-verbal tas-seduta ta' llum stess, il-Qorti sejra ssib lill-imputat hati

tar-raba u s-sitt imputazzjoni biss. Illi inoltre mill-provi migjuba jirrizulta illi l-ammont tal-hsara ma jeccedix il-limiti imposti fl-artikolu 310(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-ewwel tlett imputazzjonijiet gew irtirati mill-prosekuzzjoniu ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom oltre il-fatt illi dawn it-tlett imputazzjonijiet lanqas ma jirrizultaw ippruvati. Illi dan jista’ jinghad ukoll ghar-rigward tal- mizuri li ghandhom jigu applikati taht l-artikolu 5 tal-Kap 343 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ghar-rigward ta’ l-akkuza ikkontemplata taht l-artikolu 309 u l-artikolu 184, dawna nghataw bhala kapi alternattivi u kwindi l-Qorti ukoll sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-istess akkuzi.

Illi dwar il-piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni mghamula mill-imputat u l-fatt illu huwa ilu sa minn Frar ta’ din is-sena fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin taht arrest preventiv.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 10, 17, 331, 308, 310(1)(b) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qeghda ssib lill-imputat hati tar-raba u s-sitt akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta’ seba’ xhur prigunerija mil-liema perjodu ghandu jitnaqqas dak iz-zmien kollu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv. Il-Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------